MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1865/2002

**Sylvia Borg**

**vs**

**Anthony Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 t'Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf mija u erbatax-il lira Maltija (Lm1114.00), jew somma verjuri, rapprezentanti arretrati ta' "school fees" ta' St. Martin's College, liema arretrati huwa obbligat li jhallas skond digriet tas-Sekond' Awla datat 30 t'April, 2002 (Dok.A) u skond fatturi annessi mal-avviz;**
**Bl-ispejjez u l-imghax inkluzi l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru numru 1646/2002 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fis-27 ta' Settembru, 2002, fejn intqal illi din it-talba hija irrita u nulla, stante illi l-attrici diga ottjeniet digriet f'dan is-sens u fuq il-mertu ta' din il-kawza, mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, liema digriet minnu nnifsu jikkonsisti f'titolu ezekuttiv.**

**L-attrici qieghda tipprova tinforza digriet tas-Sekond'Awla bil-prezenti proceduri. F'dan ir-rigward l-attrici ma tistax taghmel dan ghaliex il-Qorti kompetenti li tenforza dak id-digriet ma hijiex dan it-Tribunal, filwaqt illi l-procedura ghal dan ma hijiex permezz ta' kawza kontenzjuza, peress illi d-digriet tas-Sekond'Awla huwa diga ezekuttiv. Ghalhekk l-ispejjez ta' din il-procedura nutli ghandhom jigu sopportati mill-istess attrici;**
**Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u l-ammont pretiz ma huwiex dovut.**

**Ra n-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attrici qed tintenta din il-kawza sabiex il-konvenut ihallasha arretrati ta' school fees u dana skond ma tghid hi, kif obbligat li jaghmel skond digriet tas-Sekond'Awla datat 30 t'April, 2002.**

**2. Illi din id-decizjoni hija limitata dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata.**

**3. Tqajmet l-eccezzjoni dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal in kwantu qed jinghad li l-Qorti kompetenti sabiex jigi enforzat dan id-digriet mhux dan it-Tribunal.**

**4. It-Tribunal huwa propens li jaqbel mat-tezi kif esposta fid-decizjoni "Josephine Borg vs Loreto Borg" (dec, per Dr.Edwina Grima fil-25 ta' Novembru, 2002, u konsegwentement ma jqisx li hemm raguni**

**valida l-ghala dan it-Tribunal ghandu jiddikajara ruhu mhux kompetenti fil-kaz inkwistjoni. (vide ukoll Avv.453/02AJD dec.20.09.2002 fl-ismijiet Mary Rose Bugeja et noe vs Emanuel Bugeja, u Avv.Nru.1193/01JR dec in parte fit-28.11.2002 fl-ismijiet Anna Scerri et noe vs Noel Scerri).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni dwar l-inkompetenza tat-Tribunal, u jordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza jigu decizi fil-gudizzju finali.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------